MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1855/2005

**The General Soft Drinks Co. Ltd**

**vs**

**Mark Parretti**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija u disa' liri u tmienja u hamsin centezmi (LM109.58) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil konvenut f'Candy Corner, Bergamott Street, Mosta, bl-ispejjes u bl-interessi.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fis-26 ta' Mejju 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mija u disa' liri u tmienja u hamsin centezmi (LM109.58) bl-imghaxx u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------